**Ġeneral:**

Mela inti ilek is-snin tgħaddi ż-żmien bija; ilek qatigħ taqdihom bil-moħbi u ġġenninhom għal xulxin. Hux int ħajjartha lil Sonja?! Hux int webbilta bit-Tabib, ja ħatba tax-xitan?!

**Rikardu:**

Sonja ma għandhiex għalfejn min iħajjarha għat-Tabib daqs kemm tħobbu.

**Ġeneral:**

Oħroġli 'l barra minn hawn, ja kibxi, qarrieq. Allajħares nisimgħek issemmi t-Tabib Stanley f'din id-dar għax b'rasek idur!

*(Rikardu joħroġ kiebi u mismut. Il-Ġeneral jibqa' b'idu merfugħa juri l-bieb lil Rikardu.)*

Jinżel is-siparju.

*(Jissokta)*

---

## F'JUM L-INGRESS TAL-MAHBUB ARĊISQOF MONS. MICHAEL GONZI D.D., L-EWWEL METROPOLITA TA' MALTA

### IT-22 TA' MEJJU, 1944.

*Tal*-KAN. A. COPPERSTONE

Titkabbar b'jedd, u kif! il-Gżira tagħna
Bl-Isqof MIKIEL tagħha r-Ragħaj ġdid,
B'ħerqtu u tjubitu, b'għerfu q'tigħ ferħana,
Ġawhr'oħra sbejħa f'rasha Ismu jżid.
Merħba, mitt Barka lit-Twajjeb Ragħaj,
Li wirt l-Appostlu f'ruħna għandu jżomm ħaj!
Missier għandn' aħna li minn Alla ġiena

Mimli bis-setgħa għal saħħet l-erwieħ:
Kewkba fil-lejl, fl-imrar qalb kollha ħniena,
B'għatx wieħed fih, li l-Kbir jiżreġ Rebbieħ.
Malta ommu-bintu mħeġġa sebħ tagħtih
B'talb li Mulejna b'ħafna għomor jagħnih
Idwi, ja Leħen, Leħen Kristu Sidna,

Għal ġieħ is-Sew u d-duwa tad-drawwiet
Biex tabilħaqq Maltin, kif Inti tridna,
Minn Qasam Pubblju lkoll niksbu s-smewwiet.
Mal-ward u l-qniepen, fl-ogħla għajat ta' sliem
Qlubna nwegħduk sħaħ issa u bla tmiem.



# DWIEM

*Ta'* ERIN SERRACINO-INGLOTT

DLAM. Dlam li jwaħħax, kullimkien. Ħajt samm ta' swied li jagħmi!

Leħen ta' tromba, qawwi, twil, irqiq.

Ieħor aqwa, itwal, eqreb.

U ieħor u ieħor u ieħor...... U oħrajn, wara xulxin, ġo xulxin...... Għaxra, mija, elf, eluf......

Trombi, trombi, trombi......

Diwi ta' għajat imbiegħed, idamdam, iriegħed...... Riesaq u joktor, riesaq u joktor, riesaq u joktor......

Dlam, trombi u għajat f'mewġa waħda qawwija qalila li tkexkex, li tbażża': mewġa waħda miġbura minn għaxriet, mijiet, eluf ta' ħalel kbar jitgerbu, jingħalbu, jinsebqu... resqin u joktru, resqin u joktru, resqin u joktru.

U trombi, trombi, trombi......

Fil-ħajt samm ta' swied li jagħmi, xaqq irqiq u twil, xafra ta' dawl imgħajjeb, imgħabbex, dagħmieni, sewdieni, ġahrieni, ħamrani, safrani, bajdani...... li jgħammex, li jisreġ, li jagħmi...

Dawl. Dawl li jwennes, kullimkien. Ħajt samm ta' bjuda li tagħmi!

Dawl, dawl, dawl...... u għajat u trombi......

Tqanqila ta' żiffa melliesa ħafifa li toktor issaffar u tigri... li tfewweġ u tvenven, titqawwa, titqal u tiqliel... tinbidel f'riħ jonfoħ li jokrob u jwerżaq... jitħawwad mal-leħen tat-trombi... Riefnu li jigri, li jigri, li jigri, li jtarrax, għaddej bla ma jaqta'...

Fost l-ilħna tat-trombi u l-għajat, imkaxkrin, imtajrin, imlebbtin, misjuqin, ma' kull mewġa tar-riħ, u bħal beraq ileħħu fid-dawl, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, igħibu u jfiġġu, kotrana, kotrana, kotrana, ġejjin bla ma jaqtgħu, jinqalbu, jitmewġu, immexxija minn rieda li tamar igargru... bla nifs, bla waqfien, qtajja', qtajja' ta' nies......

Nies......

Għaxriet, mijiet, eluf, eluf ta' l-eluf......

Nies......

Qatet, ġemgħat, tajfiet, għaqdiet, xirkiet......

Nies......

Xjuħ u żgħażagħ, tfal u trabi, irġiel u nisa......

Nies......